MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2011

Avviz Numru. 399/2010

**Associated News Group Limited**

**vs**

**Gamebox Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta` rikorrenti ghall-kundanna tas-socjeta` intimata ghall-hlas tas-somma ta' hamest elef, mitejn u tlieta u hamsin Euro u ghaxar centezmi ta' Euro, (€5,253.10), liema somma tirrapprezenta bilanc mhux imhallas minn prezz ta' servizzi rezi lis-socjeta` ntimata fuq struzzjonijiet taghha stess;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru li gie ntavolat kontestwalment, u bl-imghaxijiet legali**

**minn meta gew rezi s-servizzi sal-pagament effettiv kontra s-socjeta` ntimata li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta` rikorrenti sabiex is-socjeta` intimata twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta` ntimata naqset u ma dehritx, la fid-19 ta' Jannar tas-sena 2011 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti u tikkundanna lis-socjeta` ntimata Gamebox Limited sabiex thallas is-somma ta' hamest elef, mitejn u tlieta u hamsin Euro u ghaxar centezmi ta' Euro, (€5,253.10), lis-socjeta` rikorrenti Associated News Group Limited;**

**Bl-ispejjez kif dedotti kontra s-socjeta` intimata Gamebox Limited.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------